MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 149/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Falzon**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Noel Falzon talli:

(1) fit-8 ta’ Novembru 2010 ghall-habta tal-11:30hrs u f’dawn l-ahhar tliet gimghat qabel din id-data fi Triq il-Profs. Anton Tabone, Birzebbuga bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor, u cioè lil Peter Paul Cutajar u lil Anna Cutajar Paris, biza’ li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu

222(1) meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil xi haddiehor hekk biza’ kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet;

(2) fit-8 ta’ Novembru 2010 fl-istess lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Peter Paul Cutajar u lil Anna Cutajar Paris minn Birzebbuga;

(3) fl-istess data, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen jew indicenti;

(4) fl-24 ta’ Ottubru u s-7 ta’ Novembru 2010 fil-hanut tieghu bl-isem ta’ Envy Bar li qieghed gewwa l-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-att jew kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja;

(5) fl-istess data, lok u cirkostanzi fi triq, f’hanut, post pubbliku iehor jew kull bini iehor haddem jew gieghel jew halla lil minn ihaddem *loud speaker*, gramafon, amplifikatur jew strument bhal dawn, u gieghel jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqoghdu f’bini fil-qrib;

(6) fis-7 ta’ Novembru u fl-ahhar xahar qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi kien ordnat jew seta’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-lig.

Il-Qorti giet inoltre infurmata illi Noel Falzon huwa recidiv b’diversi sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-licenzja ta’ l-imsemmi hanut jew tordna li l-licenzja ghandha tigi mizmuma ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta’ l-artiklu 383 u l-412C tal-

Kodici Kriminali ghas-sigurta` ta’ Peter Paul Cutajar u tal-familja tieghu;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Frar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Noel Falzon hati ta’ l-ewwel imputazzjoni ghax ma gietx pruvata fl-elementi taghha, sabitu hati tat-tieni imputazzjoni ghax tirrizulta fuq ix-xiehda tal-kwerelanti mhux kontradetti, sabitu hati tat-tielet imputazzjoni, iddikjarat il-hames u r-raba’ imputazzjonijiet assorbiti u li jirrizulta d-daqq tal-muzika amplifikata wara l-hinijiet konsentiti, ma sabitux hati tas-sitt imputazzjoni fin-nuqqas ta’ provi, u, wara li rat it-Tieni Skeda regolament 2 tal-ligi sussidjarja 441.07 u l-artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409, ikkundannatu €300 komplessivament;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fis-17 ta’ Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba’ (4), u tal-hames (5) imputazzjonijiet, b’din ta’ l-ahhar tkun assorbita fir-raba’ (4) wahda, tikkonfermaha wkoll fil-parti fejn sabitu mhux hati ta’ l-ewwel (1) u s-sitt (6) imputazzjonijiet, u thassarha u tirrevokha fil-parti tal-piena billi minflok il-multa ta’ tliet mitt Euro (€300) tinfliggi piena idoneja skond il-ligi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-Avukat Generali huwa dwar il-piena peress illi jsostni li l-piena minima stabbilita bil-ligi ghar-reati li dwarhom instab hati hija ferm aktar minn dik inflitta. Dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet l-Avukat Generali josserva illi l-piena applikabbli ghaz-zewg reati hemm kontemplati hija dik applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet, u cioe` d-detenzjoni, l-ammenda jew ic-canfira jew twiddiba. Dwar ir-raba’ imputazzjoni, li fiha tinsab assorbita l-hames imputazzjoni, il-piena hi dik stabbilita mill-artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe` multa ta’ mhux

anqas minn elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73). Inoltre l-Avukat Generali jsostni illi l-piena ghandha tirrifletti l-karattru refrattarju ta' l-appellat, apparti li jigu applikati fil-konfront tieghu l-provvedimenti ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' Peter Paul Cutajar u l-familja tieghu.

**6.** M'hemmx dubju li l-Avukat Generali ghandu ragun u ghalhekk din il-Qorti sejra tirrevedi l-piena billi tinfliggi piena skond il-ligi.

**7.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellat ghall-hlas ta' multa ta' tliet mitt Euro (€300) u minflok tikkundannah multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500) dwar ir-raba' imputazzjoni (bil-hames imputazzjoni assorbita fir-raba' imputazzjoni filwaqt illi dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-appellat Noel Falzon jintrabat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu biex izomm il-kwiet ma' Peter Paul Cutajar u l-familja tieghu kif ukoll li jzomm il-bon-ordni pubbliku, u dan taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena millum. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------